**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 29 ta' April 2025**

**<u>Rikors nru : 155 /2025 AGV fl-ismijiet;</u>**

**MC**

**VS**

**MA**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Rikors ta' MC li bil-gurament taghha tikkonferma:**

**Tesponi bir-rispett:**

1. Illi l-kontendenti zzewgu nhar it-tnejn (2) ta Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) (kopja tac-certifikat taz-zwieg qed jigi esebit bhala DOK A).

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal AA li ghandhom minuri.

3. Illi l-kontendenti sseparaw permezz kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Liza Schembri datati s-sitta u ghoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) (kopja tieghu qed jigi esebit bhala DOK B).

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti u ma hemm l-ebda pendenzi jew dizgwit rigwadanti manteniment.

5. Illi ghalhekk dawn il-fatti jissodifaw ir-rekwiziti kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond tal-artikolu 66B TAL-Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha:-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg civili bejn il-partijiet iccelebrat nhar it-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) ;

2. Tordna lir-Reistratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registart fir-Registru Pubbliku.

Dan taht dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez.

**Il-Qorti rat li l-konvenut ma ghandux oggezzjoni ghat-talba tad-divorzju** .

Ghalhekk setghet tghaddi ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar it- 2 ta' Mejju 2010**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**